MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Avvi$Z Numru. 87/2001/1

**Avviz numru 87/01DM**

**Practical Trading Co Ltd**

**vs**

Steven Aquilina u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2002 giet kjamata in kawza l-kumpanija Peak Leisure Limited

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm475.20 (erba' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u ghoxrin centezmi) bilanc minn somma ikbar prezz ta'

merkanzija lilu mibjugha u kkonsennjata fuq ordni tieghu stess.

Bl-imghax mid-data tal-konsennja u bl-ispejjez inkluzi dawk
tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 2000 kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1 In linea preliminari, l-eccepjenti konvenut Steven Aquilina jeccepixxi illi huwa personalment qatt ma kellu l-ebda forma ta' relazzjoni ma Practical Trading Co Ltd ossia s-socjeta attrici, u kwindi huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta attrici Practical Trading Co, Ltd., Limiti tal-Handaq, Qormi;
2 In linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni sollevata in linea preliminari, dan l-Avviz huwa null, invalidu u in effettiv skond il-ligi, billi ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' kif huma dovuti l-allegati erba' mija hamsa u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm475.20) ghal liema merkanzija allegatament mibjugha u allegatament ikkonsenjata dejjem allegatament fuq ordni tal-istess konvenut ghal liema perjodu din is-somma suppost hija dovuta, u cioe' ghal liema data jew dati, jew jiem, ghal liema xahar jew xhur, ghal liema sena jew snin, u n-natura ta' din l-allegata merkanzija u minhabba dawn in-nuqqasijiet serjissimi, l-Avviz odjern huwa null, invalidu u in effettiv skond il-ligi u dana dejjem minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni in linea preliminari tal-istess konvenut odjern;
3 F'kull kaz, il-konvenut m'ghandux personalment jaghti ebda somma lis-socjeta attrici, wisq inqas dik allegatament indikata fl- Avviz odjern ghall-ammont ta' erba' mija hamsa u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm475.20) u li lilu personalment qatt ma gew ikkonsenjati ebda forma ta' merkanzija mis-socjeta attrici;
4 Il-konvenut Steven Aquilina fic-cirkostanzi m'ghandux ibati ebda forma ta' spejjez, imma li kwalsiasi

spejjez li huwa qieghed ikun kostrett jinkorri minhabba dawn il-proceduri odjerni, dawn ghandhom ihallsuhom is-socjeta attrici u jigu kkundannati ghal dan l-iskop;
5 Minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, inkluz l-eccezzjonijiet in linea preliminari, l-eccipjenti konvenut Steven Aquilina jeccepixxi ulterjorment in linea preliminari u ghall kull buon fin fil-fatt u fid-dritt il-preskrizzjoni fuq it-talba attrici, u dana dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni in linea preliminari ta’ nullita’, invalidita’ u in effettivita’ tal-Avviz odjern skond il-ligijiet ta’ Malta;
6 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Gunju 2002 permezz ta’ liema kienet ordnat il-kjamata fil-kawza tal-kumpanija Peak Leisure Limited.

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

U kkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti mill-atturi, senjatament il-fatturi kollha relattivi ghal merkanzija in kwistjoni, jirrizulta ampjament illi l-atturi kienu effettivament bieghu u kkonsenjaw fil-fond kummercjali bl’isem ‘Empire’, il-merkanzija imsemmija fl-istess invoices, u ghalhekk huma ntitolati illi jithallsu l-prezz relattiv fis-somma ta’ Lm475.20 (erba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu) kif indikat fl-avviz.

Min-naha tieghu l-konvenut, ghalkemm ikkontesta t-talba attrici u ghamel diversi allegazzjonijiet illi l-merkanzija ma kienetx tal-kwalita’ pattwita, naqas li jgib provi ezawrjenti f’dawn ir-rigward jew sufficjenti sabiex din il-Qorti tista’ issib illi l-kontestazzjoni tieghu hija fondata.

Ghalkemm jammetti li huwa jiggestixxi n-negozju fil-lokal fejn giet ikkonsenjata l-merkanzija, jsosstni li dan kien qed jghamlu ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija Peak Leisure Limited, kjamat fil-kawza.

Din l-allegazzjoni wahedha ma tistaghax tezonerah mir-responsabilita' meta ma jirrizultax illi fil-kuntatti mal-atturi kien xi darba indika bic-car u minghajr ebda ekwivoku l-kwalita' li fiha kien qed jinnegozja maghhom.

Inoltre l-istess konvenut naqas li jidher fis-seduta tas-7 ta' Frar 2003 biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni pprezentati mill-atturi u ghalhekk it-talba ghandha titiqies ppruvata fil-konfront tieghu

Minn-naha l-ohra, l-kumpanija Peak Leisure Limited, li giet ikkjamata fil-kawza, ghalkemm debitament innotifikata, naqset illi tikkontesta t-talba attrici u ghaldaqstant issib illi din il-kumpanija stante d-deposizzjoni tal-istess konvenut Steven Aquilina li jistqarr li l-merkanzija mibjugha kienet giet mibjugha minn jew bi qligh tal-istess kumpanija, hija wkoll risponsabbli flimkien mal-istess Steven Aquilina, direttur taghha, ghal hlas tal-ammonti mitluba mill-atturi.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata fil-konfront tal-konvenut Steven Aquilina u l-kumpanija Peak Leisure Limited gestita minnhu *in solidum* bejnithom u qeghdha tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawza *in solidum* bejnithom sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' Lm475.20 (erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu) bl-imghax legali b'effett mill-28 ta' Lulju 1999

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-kjamat fil-kawza *in solidum* bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------